MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 227/2002/1

**Mary Rose mart Nikola Abdilla, John Abdilla u Joseph Abdilla, Nazzareno u martu Mary Carmen konjugi Callus**

**vs**

**Maria Lourdes mart Philip Asciak, Karmenu Asciak li b`digriet tal-Qorti tas-26 ta` Jannar, 2005 saret trasfuzjoni ta` l-atti f`isem Philip Axiaq, Maria Lourdes Axiaq, Josephine Bugeja, Godfrey Axiaq u Agnese Grech minflok il-mejjet Karmenu Asciak**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprestata mill-atturi fis-26 ta` Frar, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

L-atturi Abdilla huma proprjetarji tal-ghalqa li jisimha tal-Maqghat ta` Fuq fil-kontrada ta` Hal-Lew fil-limiti tal-Qrendi ta` cirka 1,685 metri kwadri bil-komunjoni tal-Giebia mal-atturi l-ohra li qeghda fl-ghalqa maghrufa tal-Giebia, proprjeta` tal-konvenuti u bid-dritt li jservu mill-kanali tal-irrigazzjoni ezistenti fil-habel tal-Mina proprjeta` tal-konvenuti, u bl-uzu tar-razzett li jinsab fl-istess ghalqa tal-Giebia.

L-atturi Callus huma proprjetarji tal-ghalqa tal-Maqghat t`isfel fil-kontrada ta` Hal-Lew fil-Limiti tal-Qrendi ta` cirka 1,370 metri kwadri bid-dritt tal-komunjoni tal-Giebia mal-atturi Abdilla li qeghda fl-ghalqa tal-Giebia proprjeta` tal-konvenuti u li sservi mill-kanali tal-ilma tal-irrigazzjoni li tinsab fil-habel tal-Mina proprjeta` tal-konvenuti.

L-atturi Abdilla akkwistaw din l-ghalqa tal-Maqghat ta` Fuq, bid-dritt ghall-uzu tal-ilma mill-ghalqa tal-Giebia fil-Limiti ta` Hal-Lew, Qrendi kif ukoll ir-razzett fl-istess ghalqa tal-Giebia u dan b`testment tal-mejjet Emanuel Vella tat-12 ta` Marzu, 1993 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin li kopja tieghi qed tigi hawn annessa u mmarkata dokument A.

B`kuntratt ta` dikjarazzjoni *causa mortis* tal-26 ta` Jannar, 1995 fl-atti tan-Nutar Nikola Said, hawn anness u mmarkat dokument B, l-atturi iddikjaraw l-proprjeta` fuq imsemmija bhala proprjeta` taghhom provenjenti mill-wirt fuq imsemmi.

B`kuntratt tat-12 ta` Novembru, 1991 u b`att korrettorju tat-30 ta` Lulju, 1992, fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, hawn annessi u mmarkati bhala Dokument C u D, l-atturi Callus akkwistaw l-ghalqa tal-Maqghat t`Isfel bid-dritt ghall-uzu tal-ilma mill-ghalqa tal-Giebia fil-Limiti ta` Hal-Lew, Qrendi.

Dan id-dritt ghall-uzu tal-ilma mill-ghalqa tal-Giebia proprjeta` tal-konvenuti ghandu jintuza fis-snin *'pari'* mill-atturi Abdilla u fis-snin *'dispari'* mill-atturi Callus bid-dritt tal-atturi Abdilla biex juzaw l-ilma ukoll fis-snin dispari ghall-iskop tar-razzett biss, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta` divizzjoni tad-19 ta` Novembru, 1893 fl-atti tan-Nutar

Giuseppe Trapani hawn anness u mmarkat bhala Dokument E.

Il-konvenuti qed jippretendu illi r-razzett u l-uzu tal-ilma mill-giebia li jinsabu fl-ghalqa tal-Giebia limiti ta` Hal-Lew, Qrendi huma proprjeta` assoluta taghhom u qed jimpedixxu lill-atturi Abdilla jidhlu fir-razzett b`mod esklusiv kif dejjem ghamlu tant li approprjaw ruhhom mill-muftieh tar-razzett li jinsab fl-istess ghalqa.

Il-konvenuti m`ghandhomx dritt ghall-uzu tar-razzett u tal-ilma mill-giebia fl-ghaqa tal-Giebia, limiti ta` Hal-Lew, Qrendi u dan kif jirrizulta mill-istess kuntratt dokument E kif ukoll minhabba l-fatt illi l-muftieh ta` dan ir-razzett kif f`idejn il-gabilott tal-atturi Abdilla u antecedentement f`idejn l-awtur taghhom Emanuel Vella.

Huma l-atturi biss li ghandhom dritt ghall-uzu tal-ilma mill-ghalqa tal-Giebia fil-limiti ta` Hal-Lew, Qrendi.

Huma l-atturi Abdilla li ghandhom dritt ghall-uzu tar-razzett ad eskluzjoni tal-konvenuti.

Il-konvenuti gew interpellati biex jirriturnaw il-muftieh tar-razzett fuq imsemmi kif ukoll biex jiddezistu milli juzaw l-ilma tal-giebia fuq imsemmija pero` baqghu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma proprjetarji tal-ghalqa tal-Maqghat ta` Fuq u tal-Maqghat ta` Isfel bid-dritt esklussiv tal-atturi biex jiehdu l-ilma mill-giebia li tinsab fl-ghalqa tal-Giebia, fil-kontrada ta` Hal-Lew limiti tal-Qrendi u bid-dritt tal-atturi Abdilla biex juzaw b`mod esklussiv ir-razzett li jinsab fl-istess ghalqa tal-Giebia fil-kontrada ta` Hal-Lew, limiti tal-Qrendi.

2. Tordna lill-konvenuti biex jieqfu milli juzaw l-ilma tal-giebia li tinsab fl-ghalqa taghhom f`Hal Lew, il-Qrendi stante li huma m`ghandhomx mill-uzu tal-ilma mill-istess giebia.

3. Tordna lill-konvenuti biex jirritornaw il-muftieh tar-razzett li jinsab fl-ghalqa tal-giebia, f`Hal-Lew, il-Qrendi lill-atturi Abdilla stante li huma biss ghandhom dritt ta` uzu tar-razzett imsemmi u dan fi zmien qasir u perentorju.

4. Tikkundanna lill-konvenuti biex jizgumbraw mir-razzett fl-ghalqa tal-Giebia f`Hal-Lew, il-Qrendi li hija ta` uzu esklussiv tal-atturi Abdilla.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tat-26 ta` Ottubru, 1999, 28 ta` Mejju, 2001, 20 ta` Gunju, 2001, 11 ta` Lulju, 2001, 1 ta` Awissu, 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha ecepew illi:

It-talbiet attrici huma insostenibbli billi mhux minnu li l-atturi ghandhom id-dritt esklussiv minnhom vantat kif ghandu jirrizulta mill-kuntratti tad-19 ta` Novembru 1893 u tal-20 ta` Awissu, 1906.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet f`din il-kawza huma proprjetarji ta` diversi hbula ta` ghelieqi li jinsabu fil-kontrada ta` Hal-Lew fil-limiti tal-Qrendi. Il-konvenuti ghandhom tlett ihbula zghir fejn

hemm giebja u razzett zghir bi kmamar fuq xulxin. F`dawn il-hbula hemm ukoll zewg mini ghal-ilma, u huma maghrufa bhala l-klawsura *"tal-Giebja"* sive *"tal-Mina"*. Din il-klawsura, fost proprjeta` ohra, kienet giet assenjata lil Nicola Camilleri b`kuntratt ta` divizjoni fl-atti tan-Nutar Giuseppe Trapani tad-19 ta` Novembru, 1893. Din l-ghalqa ghaddiet imbaghad ghand Matti Camilleri, u wara mewtu, ghal ghand il-konvenuti. Taht din il-klawsura kien hemm habel raba li kien jissejjah *"Maqghat ta` Fuq"* li fil-kuntratt ta` divizjoni indikat inghatat lil Maria Muscat u, wara mewta, ghaddiet f`idejn il-familja Vella, u sussegwentement ghaddiet f`idejn Emanuel Vella (b`kuntratt fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-4 ta` Lulju, 1938) u wara l-mewt tieghu fid-29 ta` Settembru, 1994, wirtuh l-atturi Abdilla bis-sahha ta` testment li kien ghamel dan Emanuel Vella, li kien ghazeb, ghand in-Nutar Joseph Raphael Darmanin fit-12 ta` Marzu, 1993.

Taht dan ir-raba, hemm porzjon ohra ta` raba` maghrufa bhala *"Maqghat t`Isfel"*, li giet assenjata lill-Emanuele Camilleri, u sussegwentement ghaddiet f`idejn Frangisk Agius. Dan Frangisk Agius biegh dan il-*"Maqghat t`Isfel"* lill-konvenut Nazzareno Callus b`kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja tat-12 ta` Novembru, 1991, kif korrett b`kuntratt iehor tat-30 ta` Lulju, 1992, fl-atti tal-istess Nutar.

It-tlett porzjonijiet ghamlu zmien jinhadmu minn Gakki Callus (missier il-konvenut Nazzareno Callus) b`titolu ta` qbiela, u wara l-mewt tieghu, min ibnu Nazzareno. L-ewwel ma akkwista kienet il-klawsola *"tal-Giebja"* sive *"tal-Mina"* u kien ihallas il-qbiela lil Matti Camilleri; wara erba` snin ha l-ghalqa maghrufa bl-isem ta` -*"Maqghat ta` Fuq"* u kien ihallas il-qbiela lill-Emanuel Vella, u tlett snin sussegwenti ha l-ghalqa *"Maqghat t`Isfel"* u kien ihallas il-qbiela lil Frangisk Agius. Wara li l-art *"tal-Giebja"* sive *"tal-Mina"* ghaddiet f`idejn il-konvenuti, dawn agixxew ghall-izgumbrament tal-konvenut Callus minn dik il-porzjoni u l-kawza giet deciza favur taghhom u, fil-fatt, il-konvenut Callus irrilaxxja l-pussess ta` dik l-ghalqa f`idejn il-konvenuti. L-istess konvenut Callus, sussegwentement u bil-bona grazzja tieghu, irrilaxxja l-pussess tal-*"Maqghat*

*ta` Fuq"* favur l-atturi familja Abdila (li kienu wirtu l-istess minghand Emanuel Vella), u hu stess xtara il-*"Maqghat t`Isfel"* minghand is-sid tal-kera tieghu, Frangisk Agius.

L-atturi, l-familja Abdilla u Nazzareno Callus, qed jippretendu dritt ta` uzu esklussiv tal-giebja u r-razzett li jinsabu fl-art *"tal-Giebja"* sive *"tal-Mina"*, proprjeta` tal-konvenuti, liema dritt huma qed jibbazawh fuq dak li jirrizulta mill-kuntratt ta` divisjoni tad-19 ta` Novembru, 1893. Bhala fatt jirrizulta li meta l-konvenut Callus kellu l-qbiela tar-raba kollu, hu kellu l-muftih ta` kamra fir-razzett, u meta gie zgumbrat mill-klawsola *"tal-Giebja"* jew *"tal-Mina"* hu gie mitlub mill-konvenuti jikkonsenja l-muftieh lilhom, u fil-fatt, hekk ghamel. L-atturi familja Abdilla qalu li dan sar minghajr ma huma gew infurmati u kontra x-xewqa taghhom. Il-muftih ghadu sallum f`idejn il-konvenuti. Dwar l-uzu tal-ilma, l-atturi jallegaw li kemm il-gabilott Callus kif ukoll Emanuel Vella u Frangisk Agius, fiz-zmien li kellhom il-pussess tar-raba`, kienu juzaw huma b`mod esklussiv l-ilma tal-giebja. Il-konvenuti jixhdu dan ghax jallegaw li l-kanali ilhom zmien twil imkisra u l-giebja hija wkoll zmien twil ma zommx ilma hlief ghal 8 pulzieri fil-qiegh.

Ghar-rigward ta` dak li jipprovdi l-kuntratt tal-1893 insibu li l-proprjeta` in kwistjoni giet hekk deskritta:

*"Che la clausura appellata il maqghat ta` isfel posta nei limiti del Qrendi nella contrada ta` Hallew confina da tramontana colla clausura appellata tal-Baruni da levante con beni di Giovanni Camilleri, da mezzodi colla clausura ta` Celest descritta nel precedente paragrafo, e da ponenete col la clausura appellata il-Maqghat ta` Fuq, da descrivessi nel seguente paragrafo consiste in una lenza di buono qualita` di terreno della superficie di un tumolo e tre mondelli /1-3/6/ col diritto di passagio da sul fondo vicina appellato il Maqghat ta` Fuq colla comunione della cisterna posta nel fondo appellato ta` Giebja e col diritto di servirse dai canale d`irrigazione esistenti nella lenza tal-Mina in quello appellato il Maqghat ta` Fuq nonche di quelli esistenti sui mure dividenti quest`ultimo fondo della stesso; e di passare i suoi passare i suoi canali nel muro*

*dividente da quello appellato tal-Baruni ben inteso che questi un proprio del fondo in descrizione e quelle comuni col fondo dal quale passino.*

*"In quanto poi alla comunioni della cisterna suddetta si deve praticare in modo che negli anni di munero pari usi della totalita delle sue acque usi il proprietario dei questo fondo, ed in quello di numero dispare quello del fondo seguente, e che in tutti gli anni indistintamente deve servirsi in primo luogo per solo uso del ricetto il proprietario di questo"*.

*"Che la clausura appellata tal-Maqghat ta` Fuq confina da tramontana colla clausura appellata tal-Giebja sive tal-Mina da levante colla clausura precedentament descritta appellata il-Maqghat ta` Isfel da mezzodi e ponente con beni di Pietro Cassar consiste in una Lenza di terreno di buona qualita`, della superfice di un tumolo e 3 mondelli /1.3/6/ colla comunione di una cisterna e sistente nella lenza tal-Giebia dovendo per tale comunione interdersi l`uso eslusivo dell`acqua di essa negli anni dispare, davendo negli anni pari usufruttuare totalmente quelle acque per pratica del fondo descritto nel precedente paragrafo, meno pero l`uso per servizio del ricetto esistente nella stessa lenza dove` trovarsi la cisterna col diritto di passaggio da sulla clausola tal-Baruni, e soggetta alla servitu` al No 4 e in tutto le servitu passive menzionate nella descrizione di questa parte"*.

*"Che la clausura tal-Giebja sive tal-Mina posta nei limiti del Qrendi nella contrada ta` Hallew, confina da tramontana colla strada, da levante colla clausura ta` Pietru, di mezzodi col fondo descritto al No 5, a ponente con beni di Pietro Cassar, consiste in tre lenze di terreno di cattiva qualita`, con un ricetto aventi bovile, e camera sovraposta a questo, ed in una cisterna delle quale non deve servirsi che per uso del predetto ricetto, e colla servitu` menzionata nella due precidenti descrizioni"*.

F`parti ohra tal-istess kuntratt insib carat illi:

*“Convengono inoltre il sudetto Emmanuele Camilleri e Maria Muscat che i passaggi dei fondi sudetti tal-Maqghat ta` Fuq e il Maqghat ta` Isfel debbano essere quelli indicati nel paragrafo venti sette del sudette lodo, e che intorno all`usao dell`aqua della cisterna debba intendersi alternativamente ed in quanto all`uso del ricetto debba anche intendersi comune fra il sudetto Emmanuele Camilleri e Maria Muscat”.*

L-ewwel haga li din il-Qorti tinnota hi li f`dan il-kuntratt l-uzu tar-razzett da parti tal-proprjetarju tal-ghelieqi*“Maqghat ta` Fuq”* u *“Maqghat t`Isfel”* ma jissemhiex. Jissemma li dan ir-razzett jinsab fil-klawsola *“tal-Giebja”* sive *“Tal-Mina”*, pero`, ma jinholoq ebda servitu` ta` uzu tal-istess. L-atturi jaghmlu riferenza ghall-kuntratt tal-4 ta` Lulju, 1938, fejn skond huma jissemma *“d-drittijiet taghna ghall-uzu tar-razzett”*. Il-Qorti, pero`, ma tarax li f`dak il-kuntratt jissemma dak id-dritt. Bis-sahha ta` dak il-kuntratt, il-komparenti Emanuel Vella xtara r-raba maghruf bhala il-*“Maqghat ta` Fuq”* u jinghad fl-istess kuntratt li din dgawdi s-servitu` attiva tat-tehid ta` l-ilma minn gibjun li qieghed fl-ghalqa ta` Camilleri, izda ma jissemma xejn dwar l-uzu tal-kamra. F`parti ohra tal-kuntratt, l-istess Emanuel Vella akkwista wkoll *“makjel”* li jinsab fi triq Hallew il-Qrendi, izda din il-proprjeta` mhux r-razzett in kwistjoni. Dan il-Qorti ikkonkludietu mid-diskrezzjoni tal-proprjeta` infisha, kif ukoll mic-cirkustanza illi kieku dak il-jedd kien jezisti, id-dritt kien jissemma fil-kuntest tal-art *“Maqghat ta` Fuq”* akkwistata fuq dak il-kuntratt minn Emanuel Vella, fis-sens li hekk kif jinghad espressament li dik l-art hija soggetta ghas-servitu` attiva ta` uzu tal-ilma, kien jinghad ukoll li dgawdi mis-servitu` ta` uzu tal-kamra. Inoltre, f`dak il-kuntratt, il-vendituri ittrasferixxu id-drittijiet kollha ta` proprjeta` tal-*“makjel”*, meta fil-fatt, kif qed jippretendu l-atturi, huma hadu minghand Emanuel Vella id-dritt ta` uzu biss tar-razzett. Lanqas jista` jinghad li dak il-kuntratt *“holoq”* dan id-dritt tal-uzu, l-ewwel nett, ghax dan mhux specifikat fil-kuntratt, u it-tieni nett ghas-sid il-proprjeta` servjenti ma kienx parti fuq dak il-kuntratt, u ebda servitu`, li mhux legali, ma jista` jigi impost minghajr l-awtorizzazzjoni tas-sid l-art milquta. La darba dan il-pretiz dritt ta` uzu ma jirrizultax mill-

kuntratt tal-1893, ma jistax jinghad li hemm prova kuntrattwali ta` dan id-dritt.

L-atturi jallegaw ukoll li, f`kull kaz, dan id-dritt inholoq bl-uzu li kien isir tar-razzett minn Emanuel Vella u, warajh, minn Nazzareno Callus, il-gabilott.  Fuq dan il-Qorti tinnota li l-pretizz dritt ta` uzu ma jistax jitqies servitu` apparenti u kontinwu (peress li ghall-ezercizzju tieghu hu mehtieg fil-waqt il-fatt tal-bniedem u l-ezistenza tieghu ma jidhirx minn sinjali li jidhru) u kwindi dak is-servitu` ma jistax jigi stabbilit bil-preskrizzjoni (artikolu 469(1) tal-Kodici Civili).  Barra minn dan, ma giex pruvat uzu ghall-tlettin sena kif tesigi l-ligi fl-artikolu 462 tal-Kodici Civili. Ghalkemm Gakki Callus, u warajh ibnu Nazzareno, kellhom muftieh ghar-razzett, dan il-muftieh kien jipprovdi access ghall-kamra wahda tar-razzett, ghax il-bqija tar-razzett ma kienx sokjuz, u l-uzu li setgha sar, sar minnhom <u>bhala gabillotti</u>, u s-servitujiet, bhala drittijiet reali, ma jistghux jigu akkwistati min min ikun jiddetieni l-fond b`titolu ta` lokazzjoni (ara <u>“Zammit Haber vs Caruana Dingli”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Settembru, 1989).

Kif osservat l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kamra <u>“Galea vs Galea”</u>, deciza fid-29 ta` Novembru, 1948, fil-kuntest ta` pretiz dritt ta` passagg, *“l-uzu ta` passagg minn gabilott ghal zmien twil jikkrea biss tolleranza jew se mai obbligazzjoni personali, li ma tinvinkolax lil min jigi fil-pussess tal-ghalqa wara dak li jkun ikkonceda dan l-uzu”*. Kwindi, l-uzu tar-razzett li setghu kienu qed jaghmlu ta` Callus, huwa uzu biss fuq semplici tolleranza, u l-konvenuti, meta huma hadu lura l-pussess vakanti tal-klawsola *“tal-Giebja”* sive *“tal-Mina”*, fil-fatt, talbu u inghataw il-muftieh ghall-kamra.

Dwar l-uzu li Emanuel Vella seta ghamel tal-kamra, ma jirrizultax kif dan beda jaghmel dak l-uzu u kemm dam jaghmel hekk.  Mhux eskluz, anzi l-Qorti jidhrilha li hekk kien il-kaz, li l-uzu beda b`forma ta` tolleranza, u dan l-uzu ma jistax iservi bhala fondament ghall-akkwist ta` pussess legittimu (ara <u>“Farrugia vs Farrugia”</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta` Mejju, 1956).  Ma giex pruvat,

lanqas, li l-uzu li dan Emanuel Vella kien qed jaghmel tar-razzett ipperdura ghal 30 sena, u kwindi, l-elementi mehtiega ghall-akkwist tas-servitu` bil-preskrizzjoni ma gewx pruvati.

Dan inghad *ad abuntantia cautela* ghax, kif intwera, bhala servitu` mhux kontinwu u/jew mhux apparenti, l-allegat dritt ta` uzu ma jista` qatt jigi akkwistat bi preskrizzjoni. Kwindi, it-talbiet tal-atturi in kwantu diretti ghall-uzu tar-razzett ma jistghux jigi milqugha.

Ghar-rigward tal-pretiz dritt ta` dgawdija tal-ilma, dan id-dritt johrog car mill-kuntratt tal-1893, u huwa dritt moghti lill-proprjetarji tal-art *"Maqghat ta` Fuq"* u *"Maqghat t`Isfel"* li, f`dan il-mument huma l-atturi. Dan id-dritt, pero`, ma kienx wiehed esklussiv, ghax il-proprjetarju tal-klawsura *"tal-Giebja"* sive *"tal-Mina"* seta` juza l-ilma tal-giebja kull zmien *"per uso del predetto ricetto"*. Il-konvenuti jallegaw li dan id-dritt moghti lill-atturi bil-fuq imsemmi kuntratt spicca konsegwenza tan-nom uzu ghall-tlettin sena, skond l-artikolu 481 tal-Kodici Civili.

Kif gie osservat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef vs Sullivan", deciza fit-22 ta` Novembru, 2002, jekk bniedem ikun jaf bi stat ta` fatt li jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta` fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu, allura t-titolari tad-dritt jista` jitqies, fic-cirkostanzi kongruwi, li irrinunzja ghall-prosegwiment ta` dak id-dritt. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Grech vs Ellis", deciza fid-29 ta` Ottubru, 2004, ipprecizat, pero`, li f`kaz ta` servitu` dan is-silenzju jew nuqqas ta` interess irid jipperdura ghaz-zmien kollu mehtieg biex servitu` jintilef jew jigi akkwistat skond il-kaz.

F`dan il-kaz, jirrizulta li dan id-dritt ta` uzu tal-ilma mill-giebja ilu zmien twil ma jigi ezercitat, u dana peress li l-giebja ma zzommx ilma, hlief 8 pulzieri fil-qiegh, u l-kanali li kellhom iwasslu l-ilma ghall-ghelieqi ilhom ukoll zmien twil imkissra. L-attrici Mary Rose Abdilla fil-fatt tghid li hi, l-kanali, qatt ma tafhom hemm u dejjem tafhom inkisrin. Hi kienet tinzel sal-ghalqa flimkien ma zijuha Emanuel

Vella, u damet hekk takkumpanjah sa madwar 40 sena ilu, meta zijuha kien kera l-art lil ta` Callus. Hi allura tikkonferma li l-kanali ilhom imkissra aktar minn 40 sena, u minghajr dawk il-kanali, l-ilma tal-giebja ma kienx jasal ghall-ghelieqi, illum tal-atturi. Hi tikkonferma wkoll li l-giebja ma kienetx izomm l-ilma, peress li kienet ixxaqqet bl-isforz tal-gheruq ta` sigra tal-harrub fil-qrib. Meta tqies li din l-attrici ma kienetx tersaq lejn ir-raba meta dan kien qed jinhadem minn ta` Callus, u hi tghid li ilu snin kbar li taf li l-giebja ma kienetx izomm l-ilma, wiehed bil-fors jikkonkludi li dan il-fatt kien jezisti anke fiz-zmien li l-ghalqa kienet tinhadem minn Emanuel Vella, jigifieri 40 sena ilu, tal-anqas.

L-attur John Abdilla jghid ukoll li meta mar jara l-ghalqa wara li din giet f`idejhom, hu dahal fil-mina tal-ilma, u hemm sab hadida imsadda li hu qiesha li kienet il-vit biex jghaddi l-ilma. Huwa, pero`, ma setax idawwar dik il-hadida, peress li kienet imsadda u kien jidher car li kienet ilha zmien twil ma tintuza.

Dawn ic-cirkustanzi kollha jindikaw li, fil-fatt, l-uzu tal-ilma mill-giebja li tinsab fil-proprjeta` tal-konvenuti, ilu ma jsir ghal zmien twil, zgur ghal aktar minn 40 sena.

Hu veru li Nazzareno Callus jghid li hu kien juza l-ilma tal-giebja, pero`, dan ma jistax jitqies kredibbli meta tqies li hekk kif irrilaxxja l-*“Maqghat ta` Fuq”* lill-attrici, John Abdilla u missieru marru fl-ghalqa, ippruvaw ihadmu l-*“vit”*, u sabu li din kienet iggammjata minhabba s-sadid u n-nuqqas ta` uzu. Dan ukoll jghid li Emanuel Vella, ghalkemm kien ghami, kien jahdem ir-raba` hu, tant li *“kont tiskanta tarah jahdem l-ghalqa”*. L-attrici Mary Rose Abdilla, in-neputija ta` dan Emanuel Vella, tghid, pero`, li zijuha kien iqabbad in-nies jahdmulu l-ghalqa, u zijuha kien biss jghin billi jerfa l-ixkejjer tal-patata ghal fuq il-karettun. Dawn ic-cirkustanzi ixejnu l-kredibilita` ta` dan l-attur, u l-Qorti thoss li, fil-verita`, minn meta Gakki Callus ha l-ewwel bicca raba` bi qbiela, il-giebja u l-kanali kienu gia fuori uzo, u ma ittiehdet ebda inizjattiva biex dak id-dritt jinzamm fis-sehh.

L-artikolu 482(2) tal-Kodici Civili jinnota li dan il-non uzu m`ghandux iwassal ghat-telf tad-dritt, jekk dak li jkun ma setax jinqeda bid-dritt minhabba l-istat tal-haga – *"basta li sid il-fond dominanti ma setax, skond il-ligi, igieghel li dak l-istat ma jibqax"*. Issa, ghalkemm bhala regola, obbligazzjonijiet ta` sid il-fond serventi huma biss passivi, f`kaz ta` servitu` ta` uzu ta` ilma *"il-proprietario del fondo servente in una servitu` di presa d`acqua corre l`obbligo della 'refectio' e della manutenzione della cosa assoggettata a tal-specie` di servitu`, nello stato in cui possa essere utile"* – "Catania vs Haber", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta` Dicembru, 1924, konfermata in sede appell. Kwindi, il-proprjetarji tal-fondi dominanti setghu jgieghlu lis-sid tal-fond serventi jaghmel it-tiswijiet mehtiega fil-giebja u l-kanali, u jekk dan ma jigix koncess lilhom, setghu wkoll jipprevalixxu ruhhom mill-artikolu 471 u jaghmlu x-xogholijiet mehtiega huma sabiex jinqdew bis-servitu` u jzommu l-jedd taghhom. La l-atturi u lanqas l-awturi taghhom ma hadu xi passi f`dan is-sens, u la darba huma setghu, skond il-ligi, jgieghlu li dak l-istat ta` fatt ma jibqax, ma jistghux jinvokaw il-provvedimenti tal-artikolu 482(2) indikat.

Il-Qorti, ghalhekk, ma tarax kif tista tasal li tilqa t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------